



Brussell, 14 ta' Settembru 2018
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2017/0102(COD)

11549/18
ADD 1

CODEC 1364
JEUN 91
EDUC 299
EMPL 392
SOC 492
SPORT 45
COHAFA 66
PROCIV 55
COMPET 552
ECOFIN 777

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-qafas legali tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1288/2013, ir-Regolament (UE) Nru 1293/2013 u d-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE (L-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislattiv - Dikjarazzjonijiet

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA TAL-PARLAMENT EWROPEW, TAL-KUNSILL U TAL-KUMMISSJONI

Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-awtorità baġitarja, 80 % tal-baġit għall-implimentazzjoni tal-Programm fl-2019 u fl-2020 għandhom isiru disponibbli permezz ta' riallokazzjonijiet speċifikati taħt is-Subintestatura 1a (Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi) tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2014-2020 u riallokazzjonijiet mill-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili u l-Programm LIFE. Madankollu, l-ebda riallokazzjoni ulterjuri ma għandha ssir mill-Programm Erasmus+, apparti l-ammont ta' EUR 231 800 000 imsemmi fil-proposta mill-Kummissjoni (COM (2017) 0262).

L-20 % li baqa' tal-baġit għall-implimentazzjoni tal-Programm fl-2019 u fl-2020 għandhom jitfasslu minn marġini disponibbli taħt is-Subintestatura 1a tal-QFP 2014-2020.

Hemm fehim komuni li l-Kummissjoni ser tiżgura li l-appropriazzjonijiet neċessarji jsiru disponibbli permezz tal-proċedura baġitarja annwali normali b'mod bilanċjat u prudenti.

DIKJARAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

Il-Kummissjoni tikkonferma li l-użu ta' appropriazzjonijiet minn riżorsi ta' assistenza teknika fuq inizzjattiva tal-Kummissjoni skont ir-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni (b'mod partikolari riallokazzjonijiet mill-Fond Soċjali Ewropew u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali) għall-finanzjament tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà fl-2018, mhux ser jintużaw mill-Kummissjoni bħala preċedent għall-proposta ta' wara l-2020 dwar il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà (COM(2018)0440)).
